**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 203/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur PierGuido Saliba)**

**Vs**

**Joseph Saliba**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Saliba, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 359447M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Novembru, 2018, ghall-habta ta' bejn il-hamsa ta' waranofsinhar (17:00 PM) u l-hamsa u nofs (17:30 PM) ta' waranofsinhar fi Vjal Blue Grotto, Zurrieq;

1. Saq vettura Nru. LPY 720 b'manjiera traskurata.
2. Saq vettura Nru. LPY 720 b'manjiera perikoluza.
3. Saq vettura Nru. LPY 720 b'manjiera bla kont.
4. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Concetta Sciberras fejn l-offiza ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif iccertifika Dr. R. Galea M.D., ta' Mater Dei Hospital.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2019, li wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati tat-tieni u tar-raba' mputazzjoni filwaqt li ma sabitux hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet stante li dawn kienu akkuzi alternattivi u minnhom illiberatu skond il-ligi u kkundannat lill-istess imputat ghall-piena tal-multa fis-somma ta' €4,500 u ordnat l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien sena li jibda jsehh mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat filwaqt li ghandu jigi penalizzat bi tmintax –il punt.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Saliba, pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ddikjaratu mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni u r-raba mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom; alternattivament u b'mod sussidjarju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena iktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semgħet il-provi riprodotti quddiemha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta' sabitu ħati kemm tar-reat ta' sewqan perikoluz kif ukoll ta' dak tal-offiza gravi involontarja fuq il-persuna ta' Connie Sciberras u dan meta lanqas sehh impatt bejn ix-xarabank misjuqa

minnu u l-mutur misjuq mill-parti leza. Fil-fatt ighid li jemergi mill-provi illi Connie Sciberras wegghet f'dan is-sinistru stradali unikament minħabba l-manuvra maghmula minn żewġha stess li kien qed isuq il-mutur, u mhux minhabba xi nuqqas fis-sewqan tal-appellant li lanqas biss kien konsapevoli dwar l-inċident sakemm kellmuh il-pulizija. *In subsidium* u alternattivament l-appellant qiegħed jitlob ukoll reviżjoni fil-piena fid-dawl tal-fatt illi fil-fehma tiegħu din il-piena hija waħda eċċessiva tenut kont fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' mill-gdid ix-xhieda kollha li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti sabiex b'hekk l-ezercizzju minnha maghmul fis-setghat moghtija lilha bil-ligi gie ffacilitat billi setghet tqies *de visu* l-kredibbilita` tal-verzjonijiet tal-ko-litigandi.

Illi l-fattispecje ta' dan il-kaz iduru madwar incident stradali li sehh nhar it-18 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tal-17:10hrs ġewwa t-triq Blue Grotto Avenue, Żurrieq vicin l-The Venue Bar. Il-pulizija marru immedjatament fuq il-post fejn sabu mara mixħuta mal-art fuq iz-*zebra crossing* ċertu Connie Sciberras u kien hemm ir-raġel tagħha ħdejha, Frankie Sciberras. Sciberras saħaq illi waqt li kien qed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Kawazaki bin-numru ta' reġistrazzjoni EBN956 ħarġet *coach* tan-Nimrod garage bin-numru LPY720 tal-għamla Temsa Opalin minn Triq il-Qrendi fejn dan baqa' ħiereġ minghajr ma waqqaf biex b'hekk huwa gie kostrett jagħmel manuvra biex jevita' l-impatt. B'konsegwenza ta' din il-manuvra, martu li kienet riekba miegħu *pillion*, waqgħet minn fuq il-mutur u sofriet griehi gravi.

Meta l-pulizija tkellmu mal-appellant, li kien is-sewwieq tax-xarabank, dan cahad illi kien laqat xi vettura jew mutur u li kien segwa r-regolamenti tat-traffiku qabel intenta johrog mit-triq laterali ghal dik principali. Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll minn Carmelo Darmanin li kien passiġġier mal-istess appellant. In oltre nhar id-29 ta' Novembru 2018 Mark Spiteri li kien xhud okulari ghal dan is-sinistru stradali spjega lil pulizija li kien ra x-xarabank

wieqaf mal-i*stop sign.* Dan qabad sabiex jipprosegwi fi triqtu meta' innota mutur li kien laħaq lix-xarabank u meta dan beda jsuq wara x-xarabank il-passiġiera tal-mutur waqghet minn fuqu.

Ikkunsidrat:

Illi huwa fatt inkontestat illi qabel sehh il-korriment ta' Sciberras meta din waqghet minn fuq il-mutur misjuq minn zewgha, l-appellant kien qieghed jemerġi minn triq laterali formanti parti minn *'T' junction* filwaqt illi l-parte ċivile kienet passiġġiera fuq il-mutur ma żewġha Frankie Sciberras illi kien qiegħed isuq mutur fit-triq prinċipali Blue Grotto Avenue. Kif wasal biswit din it-triq laterali jikkontendi illi l-appellant qabad u hareg minghajr ma waqqaf sabiex jikkonstata jekk kienx gej xi traffiku minn fuq it-triq principali.

Issa min ikun qieghed jintenta johorg minn fuq *stop sign* fi triq laterali ghal fuq *main road* ghandu responsabbilta akbar u jrid jezercita kawzjoni u prudenza gholja sabiex jara li ma jinvadiex il-*main flow of traffic* li jkun qed jinsab fuq it-triq ewlenija.

> **'min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ inching out, u jassigura li t-triq hi libera'. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha.**
>
> **Minn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s' intendi juris tantum illi l-main road user, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-side road user ma jippruvax illi l-main road user seta' jigi kwalifikat bhala main road abuser. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-main road user,**

**inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-main road user jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni.**[1]

Fl-istess mod fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Anthony Galea deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta ġie ritenut is-segwenti:

> **Id-driver li jkun diehel minn "side road" ghal go "main road" ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-"main road", li jesplora tajjeb il-"main road" qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi "dead slow", u sahansitra jwaqqaf, biex u ... jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-"main road user" ghandu wkoll joqghod attent fil-"cross roads": imma l-grad ta' dilegenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas. Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-"side road user", li bl-eghmil tieghu rrenda l-kollizjoni .....**[2]

Illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha giet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti fejn l-uniku qbil li hemm bejn dawn iz-zewg verzjonijiet jistrieh fuq zewg fatturi, wiehed li ma kien hemm ebda impatt bejn ix-xarabank u l-mutur u wkoll li x-xarabank kienet hierga minn triq laterali filwaqt li l-mutur kien qed jinsaq fi triq principali. Il-vittma spiccat mitfugha mal-art fuq iz-*zebra crossing* li tinsab ftit 'l isfel mill-inkrocju. Dan ifisser illi l-manuvra maghmula mill-mutur sehhet ferm wara l-inkrocju.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hija x-xiehda ta' xhud okulari u indipendneti certu Mark Spiteri li hija determinanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza. Dan Spiteri ighid li waqqaf biswit ix-xarbank qabel intenta johrog ghal go Blue Grotto Avenue. Dan kien ser jaqsam ghad-direzzjoni l-opposta fejn kienet ser tmur ix-xarabank u ghalhekk stenna lix-xarabank tohrog qabel ma invada it-triq principali. Illi dan ix-xhud josserva zewg fatturi determinanti. Fl-ewwel lok ighid illi x-xarabank waqqfet fuq l-i*stop sign* u harrget bil-mod, tant illi din lahqhet iddrittat, bl-appellant lahaq diga' saq madwar erbghin metru u qabez iz-*zebra crossing* meta lahhqu il-mutur. Ighid ukoll li osserva l-mutur qed jaqla' xi vetturi ohra u jilhaq lix-xarabank,

[1] Gasan Mamo Insurance Limited noe et vs Raymond Vella, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Inferjuri) nhar it-22/06/2005 u ppreseduta mill-Imħallef Philip Sciberras.
[2] Pulizija vs Anthony Galea, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5/09/1953 u ppreseduta mill-Imħallef William Harding.

izda peress illi nnota li ma setax jaqla' x-xarabank ghaliex kienu gejien xi vetturi mill-karreggjata l-opposta tat-traffiku irrallenta f'salt u b'hekk il-*pillion rider* waqghet fl-art u spiccat ezatt fqu iz-zebra crossing. Ighid hekk:

> **"Mela, jiena kont qiegħed ħiereġ minn Qrendi Road għal Blue Grotto Avenue bil-karozza tiegħi u maġenbi kien hemm il-coach tas-sur Saliba. Jiena ħa ndur fuq il-lemin u hu ħa jdur fuq ix-xellug. Minn naħa tal-lemin kienu ġejjin żewġ karozzi, waħda bl-indicator jixgħel li ħa ddur lejn il-Qrendi. Kienu sebgħin metru (70m) 'il bogħod. Minn naħa tax-xellug ma stajtx nara x'kien ġej peress li l-coach kien għoli u ma stajtx nara allura ddeċidejt li ma nsuqx. Sadanittant il-coach beda ħiereġ u ħareġ fit-triq prinċipali beda nieżel. Il-karozza ta' quddiem daret għall-Qrendi. Kienet ġejja karozza warajha. Fid-daqqa u l-ħin jien kont ħarist lejn in-naħa l-oħra għax issa l-coach beda nieżel biex nara jekk humiex ġejjin karozzi minn naħa tax-xellug u kif qed nerġa nħares hekk ġie dan il-mutur. Ma kienx ġej bil-mija u għoxrin (120) imma ma kienx ġej bil-mod għax kien qed jaqla' l-karozzi. Il-coach kien ħareġ qisu erbgħin metru (40m) niżel erbgħin metru (40m) 'il isfel għax hemm zebra crossing. Kien eżatt qabeż iz-zebra crossing għax il-mutur laħaq il-coach, naħseb tal-mutur naqqas għax kienu ġejjin il-karozzi bil-kontra u ma setax jaqilgħu u xħin naqqas probabbli waqgħetlu, mhux probabbli, waqgħetlu l-passiġġiera. Ġiet eżatt fuq iz-zebra crossing ...."**

Il-Qorti tinnota li din iz-*zebra crossing* fil-fatt tinsab ftit metri 'i isfel mill-inkrocju u allura stabbilit illi l-parti leza waqghet proprju fuq din iz-*zebra crossing* huwa bil-wisq evidenti illi meta sehh dan is-sinistru ix-xarabank zgur li kienet lahhqet harrget sew mit-triq laterali u ddrittat qabel il-mutur wasal vicin taghha. Illi allura ma kienx biss l-appellant li kellu r-responsabbilita' josserva r-regolamenti tat-traffiku billi jieqaf fuq l-i*stop sign* u johrog bil-mod ghal fuq it-triq principali wara li jkun esplora t-triq, izda kienet ir-responsabbilta' wkoll tas-sewwieq tal-mutur li jara li jsuq b'kawtela, iktar u iktar ghaliex kien qed javvicina l-inkrocju u ukoll *zebra crossing* ftit 'il fuq fit-triq.

Issa stabbiliti dawn il-fatti probatorji li jemergu mhux biss mix-xiehda diretta ta' Mark Spiteri izda ukoll mill-provi indizzjarji, huwa indubitat illi l-*causa prossima* tal-incident kien unikament imputabbli lis-sewqan tal-mutur li kien tiela' minn Blue Grotto Avenue qed jaqla' vetturi ohra u nduna tard wisq illi x-xarabank kienet hierga mit-triq laterali bil-mod, tant illi

rnexxielu jilhaqha. Meta pprova jirrallenta bil-manuvra li ghamel il-passiggiera riekba fuq il-wara tal-mutur spiccat tilfet il-bilanc taghha u waqghet fl-art.

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Qorti ma tistax tilqa' l-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti qabilha, billi hemm evidenza li tindika li l-appellant waqqaf bix-xarabank mal–i*stop sign* u hareg mit-triq laterali bil-galbu, meta l-vetturi li kienu gejjien fit-triq principali kienu ghadhom 'il boghod sabiex jippermettulu jaghmel dan. Fil-fatt skont ix-xiehda ta' Spiteri l-ewwel vettura li kienet gejja kellha l-*indicator* mixghul, li kien jindika li din kienet ser iddur ghal go Triq il-Qrendi, u warajha kien hemm vann. Il-mutur izda jidher li kien gej minn wara dawn il-vetturi qabizhom tant illi fi ftit hin irnexxielu jilhaq ix-xarabank li sadanittant lahhqet harrget kompletament fuq it-triq principali tant illi bil-manuvra li ghamel is-sewwieq tal-mutur biex jirrallenta il-passiggiera waqghet fl-art. Illi ghalkemm is-sewwieq tal-mutur jichad illi x-xarabank waqqfghet kif inghad, madanakollu hemm xhieda ohra li jghidu bil-kontra sabiex b'hekk hemm kunflitt fil-provi li ghandu jimmilita favur il-persuna akkuzata u cioe' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din illiberat lill-appellant mil-ewwel u t-tielet imputazzjoni, izda tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni u r-raba imputazzjonijiet u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur